27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-UE tibqa' konvinta li soluzzjoni politika paċifika u demokratika hija l-uniku mod sostenibbli biex noħorġu mill-kriżi; billi kwalunkwe spekulazzjoni dwar strateġija biex jinbeda intervent militari fil-Venezwela tiġġenera u żżid il-vjolenza fil-pajjiż u jkollha effett diżastruż fuq ir-reġjun kollu kemm hu;*** |

Or. en

27.3.2019 B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***-1. Jirrifjuta kategorikament kwalunkwe proposta jew tentattiv għal soluzzjoni tal-kriżi li jistgħu jimplikaw l-użu tal-vjolenza jew intervent militari; jerġa' jafferma l-pożizzjoni preċedenti tiegħu skont liema soluzzjoni paċifika, demokratika u inklużiva hija l-uniku mod sostenibbli kif il-pajjiż joħroġ mill-istall politiku attwali u mill-kriżi soċjali u umanitarja serja li dan ipprovoka;*** |

Or. en

27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali huwa l-unika inizjattiva politika eżistenti li għandha aċċess għad-diversi partijiet ikkonċernati kollha fil-Venezwela, kemm fir-reġjun kif ukoll fil-komunità internazzjonali;*** |

Or. en

27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. ***Jieħu nota tal-istabbiliment tal-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali,*** li ***jrid jinżamm milli jintuża mir-reġim illegali ta' Maduro bħala strateġija għal dewmien biex tissolva l-kriżi bl-għan li jibqa' fil-poter; jinnota n-nuqqas ta' kwalunkwe riżultat tanġibbli s'issa min-naħa tal-grupp ta' kuntatt***, ***li l-iskop ewlieni tiegħu għandu jkun il-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal elezzjonijiet presidenzjali*** ta' ***malajr u l-faċilitazzjoni tat-twassil tal-għajnuna umanitarja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjoni Venezwelana; jitlob lill-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali jikkollabora mal-Grupp ta' Lima, bħala attur reġjonali ewlieni; f'dan il-qafas, jitlob lis-SEAE, b'kollaborazzjoni mal-Parlament Ewropew, biex joffri l-għarfien espert tiegħu fil-qasam tal-assistenza elettorali;*** | 13. ***Jitlob*** li ***s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikompli jikkoopera mal-oppożizzjoni, mal-Gvern u mal-atturi internazzjonali u reġjonali, bħall-Grupp ta' Lima, permezz tal-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali, bil-għan li jinkisbu żewġ objettivi prinċipali: l-ewwel nett***, ***sostenn favur il-konsenja tal-għajnuna umanitarja lill-Venezwela skont il-prinċipji miftiehma fil-livell internazzjonali u, it-tieni nett, promozzjoni*** ta' ***qbil komuni bejn l-atturi prinċipali involuti dwar il-fatturi li jwasslu għall-mod paċifiku*** ta' ***kif il-pajjiż joħroġ mill-kriżi u dwar il-modi li bihom il-pajjiż jista' jikseb soluzzjoni paċifika u demokratika permezz ta' elezzjonijiet presidenzjali ġodda u kredibbli***; |

Or. en

27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi l-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali attwalment qiegħed isegwi t-twaqqif ta' kurituri ta' assistenza, li jitqiegħdu taħt it-tmexxija tan-NU, bil-għan li tiġi garantita l-konsenja tal-għajnuna umanitarja min-naħa ta' korpi speċjalizzati, bi qbil mal-prinċipji internazzjonali u skont approċċ rigoruż ibbażat fuq il-bżonnijiet; billi l-objettiv huwa li jiġi garantit u mwessa' l-ispazju għall-konsenja ta' għajnuna newtrali u imparzjali lil dawk fil-bżonn, u li jiġi evitat li l-Gvern juża din l-għajnuna għall-benefiċċji tiegħu stess;*** |

Or. en

27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Jistieden lis-SEAE jippromwovi b'mod attiv ftehim dwar il-fornitura ta' għajnuna umanitarja u jiżgura li din l-għajnuna titqassam permezz tan-NU, skont il-prinċipji miftiehma fil-livell internazzjonali; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jistinkaw biex jiżguraw li l-assistenza tal-UE tkun fornuta fil-post, u jikkundanna lill-Gvern Venezwelan talli ma ppermettiex id-dħul tal-għajnuna umanitarja fil-pajjiż, minkejja l-bżonnijiet tal-popolazzjoni tiegħu;*** |

Or. en

27.3.2019

B8-0225/2019 }
B8-0227/2019 }
B8-0229/2019 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Elena Valenciano**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. ***Jappoġġa bil-qawwa t-talba tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex issir investigazzjoni indipendenti u sħiħa dwar id-diżgrazzji rrappurtati; ifakkar fl-impenn tal-UE favur multilateraliżmu effikaċi fil-qafas*** tan-NU ***sabiex tiġi evitata katastrofi*** umanitarja ***b'konsegwenzi akbar; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għar-rwol tal-QKI fil-ġlieda kontra l-impunità u biex dawk li wettqu l-vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem iħallsu ta' għemilhom, u għall-ftuħ ta' investigazzjoni wara l-eżami preliminari f'delitti mwettqa mir-reġim illegali ta' Maduro, inklużi wħud li huma delitti serji kontra l-umanità;*** | 15. ***Jirrakkomanda li s-SEAE, fl-isforzi tiegħu, jaħdem*** biex ***jikseb l-akbar sostenn possibbli min-naħa tal-pajjiżi tar-reġjun u li jfittex il-parteċipazzjoni attiva*** tan-NU ***fl-oqsma kollha relatati mal-għajnuna*** umanitarja u ***l-ftehimiet politiċi*** li ***ġew stabbiliti biex tissolva l-kriżi fil-Venezwela***; |

Or. en